**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002

**Numru 27**

**Avviz numru 1678/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**Michael u Magdalene konjugi Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija sitta u sittin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm166.47), hlas dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 241884;**

**Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati biex ihallsu huma baqghu inademjenti;**

**Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll li flimkien mas-sorte l-konvenuti jkunu kkundannati jhallsu l-imghax legali u l-ispejjez tal-kawza.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija sitta u sittin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm166.47), bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**